# M I N U T I

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**ID-DISA' LEĠIŻLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 4**

9 ta' Settembru 2024

Ir-raba' (04) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar it-Tnejn 9 ta' Settembru 2024 fis-2.00pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Nigel Holland | ( NH ) | Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |
| Is-Sur Justin Haber | ( JH ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsilliera |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:-

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

4.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

4.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

4.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

g

4.2.1. Is-Sindku NH ressaq il-minuti tat-tielet (3) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

4.2.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JAE u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (JAE, JP, NH, SSH, JH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

4.2.3. Il-Viċi Sindku JAE għamel riferenza għall-materja numru 3.4.5 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-fumigazzjoni. Is-SE informa li kien staqsa dwar din il-possibbiltà b'mod informali u kienu ġibdulu l-attenzjoni li wieħed irid joqgħod attent minħabba l-annimali domestiċi li jgħaddu minn fuq il-bankina.

4.2.4. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-materja numru 3.4.6 u staqsiet jekk hemmx risposta fuq Triq is-Suq. Is-SE informa li sa dakinhar kien għad ma kellux risposta.

4.2.5. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-materja numru 3.3.1 u staqsiet jekk hemmx risposta mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali. Is-SE qal li sa dakinhar kien għad ma kellux risposta.

4.2.6. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-materja numru 3.4.7 u staqsiet jekk kienx hemm risposta mingħand il-Pulizija dwar Triq Pietro Floriani. Is-SE qal li ma kienx informat li kien hemm xi żviluppi.

4.2.7. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-materja numru 3.3.9 u qalet li l-ġimgħa ta' qabel kien ikkomunika magħha rappreżentant tal-Floriana Nursery dwar il-bżonn t'għajnuna biex isir xi xogħol. Il-Kunsilliera SSH qalet li kienet ser tipprova tara sabiex dan ix-xogħol ikun jista' jsir minn xi entità oħra.

4.2.8. Il-Kunsilliera JP għamlet riferenza għall-materja numru 3.4.9 u staqsiet jekk kienx hemm risposta rigward it-tabelli tal-ikel tal-annimali. Is-SE qal li għandu jiċċekkja jekk il-Kunsill għandux tabelli fl-istokk u jekk le, jieħu ħsieb jordna.

4.2.9. Il-Kunsilliera SSH għamlet riferenza għall-materja numru 3.3.2 u qalet li tixtieq li meta tittieħed deċiżjoni, għandha tkun iktar ċara. Il-Kunsill iddiskuta dan in-nuqqas ta' ftehim u qabel li għandu jkun iktar ċar meta jkun hemm approvazzjoni.

## 4.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.3.1. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-President tas-Soċjetà Filarmonika Vilhena fejn talab lill-kunsillieri jikkonfermaw l-attendenza tal-kunċert. Il-Kunsill qabel li għandu jikkonferma l-attendenza tas-Sindku u tal-Viċi Sindku.

4.3.2. Is-Sindku ressaq invit mingħand il-Vikings Sailing Club għal attività li ser tinżamm nhar is-6 t'Ottubru. Is-Sindku qabel li għandu jikkonferma l-attendenza tas-Sindku u tal-Kunsillier JH.

4.3.3. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand l-Arċipriet fir-rigward tat-tneħħija tal-antarjoli fejn informa lill-Kunsill li d-dewmien kien kawża tal-kuntrattur li kien għadu ma marx ineħħihom.

4.3.3.1. Is-Sindku qal li minkejja dan kollu, ir-responsabbiltà xorta tibqa' tal-Arċipriet. Huwa qal li jistenna li d-djalogu u l-komunikazzjoni ikunu f'żewġ bnadi.

4.3.3.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jwieġbu li l-Kunsill innota l-punti mressqin u li ser ikompli jwiegħed il-komunikazzjoni u d-djalogu li ilhom jingħataw għal dawn l-aħħar snin.

4.3.3.3. Il-Kunsill qabel ukoll li jinformah li wħud mill-kunsilliera jixtiequ jiltaqgħu miegħu sabiex tiġi diskussa din il-materja. Is-Sindku kjarifika li hu kien diġà ltaqa miegħu, fuq talba tiegħu stess, u l-laqgħa ma kellha l-ebda eżitu. Kien għalhekk li huwa ma kienx ser jattendi din il-laqgħa.

4.3.4. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fejn informaw b'ħarġa t'espressjoni t'interess għal binjiet pubbliċi li għandhom bżonn manutenzjoni minuri.

4.3.4.1. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jressaq il-proposti tiegħu inkluż il-kamra li hemm fi Pjazza Sir Luigi Preziosi u l-ħajt ta' wara l-AGFA ħdejn il-garaxxijiet.

4.3.5. Is-Sindku nforma lill-Kunsill b'laqgħa li kien attenda dwar il-Framework Agreement fejn il-Kunsill ġie mogħti allokazzjoni ta' €125,000 li jistgħu jintużaw għal tiswijiet kbar. Is-Sindku semma li hemm bżonn tiswija taċ-ċint taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V u tal-ħajt ta' Ġnien Sir Luigi Preziosi.

4.3.6. Is-Sindku ressaq komunikazzjoni mingħand il-Floriana Nursery fejn talbu żewġ mobile toilets għax ma kellhomx servizz tal-ilma. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

4.3.7. Is-Sindku ressaq komunikazzjoni mingħand il-Malta Health Students' Association fejn offrew li jagħmlu checkups b'xejn nhar id-9 ta' Novembru bejn id-9am u l-11am fid-Dar tal-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

4.3.7.1. Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi kunsillier li kien interessat jieħu taħt idejh id-dekasteru tas-saħħa pubblika. Il-Kunsilliera SSH ipproponiet li tieħu dan id-dekasteru f'idejha. Il-Kunsill qabel.

4.3.8. Is-Sindku ressaq komunikazzjoni mingħand l-Eco market fejn talbu lill-Kunsill jikkonferma l-parteċipazzjoni tagħhom f'Ġenna ta' Ġonna. Huma talbu li jarmaw is-Sibt kif ukoll dakinhar tal-attività. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

4.3.9. Is-Sindku ressaq komunikazzjoni mingħand Science in the City 2024 fejn talbu permess jarmaw stands fiż-żona tal-Biskuttin nhar is-27 u t-28 ta' Settembru. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

4.3.10. Is-Sindku ressaq komunikazzjoni mingħand il-Konsulat Onorarju Filippin għall-Malta fejn irringrazzjaw lill-Kunsill talli tħallew jużaw iċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Huma ressqu talba sabiex jerġgħu itellgħu l-istess attività s-sena d-dieħla. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

4.3.11. Is-Sindku ressaq talba mingħand persuna biex tikri l-piċċ taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Huwa żied jgħid li l-persuna kienet ipproponiet li tħallas bejn €8 u €12 kull sessjoni.

4.3.11.1. Il-Kunsillier JH ġibed l-attenzjoni għall-fatt li kien hemm bżonn kbir ta' manutenzjoni u għalhekk il-Kunsill m'għandux jidħol responsabbli f'każ li jinqala xi ħaġa.

4.3.11.2. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel li għandu jitolbu €5 għal kull sessjoni, skont il-byelaw tal-użu tal-faċilitajiet kif ukoll jinforma lill-persuna li ser tidħol responsabbli għal kull inċident li jista' jinqala' matul dawn is-sessjonijiet. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jinformaha bil-possibbiltà li jibda' x-xogħol fuq il-piċċ fix-xhur li ġejjin.

4.3.12. Is-Sindku ressaq komunikazzjoni mingħand Toshimie Tokura biex ikun organizzat Octoberfest fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jitlob €815 dritt għall-użu taċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V.

4.3.12.1. Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-bżonn li tiġi aġġornata l-byelaw fiż-żmien li ġej.

4.3.13. Is-Sindku ressaq komunikazzjoni mingħand is-Segretarju Ġenerali tas-Soċjetà Filarmonika Vilhena fejn talab lill-Kunsill jikkunsidra l-banda tagħhom għall-attivitajiet li jorganizza fi żmien il-Milied kif ukoll għall-waqt il-purċissjoni bil-Bambin.

4.3.13.1. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li la s-servizz tas-Sacro Cuor mhux ser jaqbeż is-sagħtejn, il-Kunsill m'għandux iħallas iktar minn €2000. F'każ li jinsistu li

jitħallsu iktar allura l-banda għandha tkun mitluba tagħti s-servizz massimu li jingħata bi €3000.

4.3.13.2. Minkejja dan il-Kunsill qabel li għandu jiċċekkja mar-Reġjun jekk il-Kunsill hux ser jingħata xi fondi għall-attivitajiet tal-Milied.

4.3.13.3. Is-Sindku informa li l-Isqof Ġorġ Bugeja ser iqaddes lejliet it-tifkira u li l-kappillan tas-Sacro Cuor ser iqaddes qabel il-purċissjoni li tkun immexxija mil-Professur Jonathan Attard.

4.3.13.4. Il-Kunsillier JH tkellem dwar l-attivitajiet tal-Milied li kien qiegħed jipproponi u ta iktar dettall ta' x'jinvolvu dawn l-attivitajiet.

4.3.13.5. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' b'mod informali dik il-ġimgħa stess sabiex jiddiskuti dan f'iktar dettall.

4.3.14. Is-Sindku ressaq talba mingħand residenta biex ikollha permess tad-dixxendenti. Il-Kunsill evalwa l-każ u qabel li din il-persuna hija eliġibbli għal dan il-permess.

4.3.15. Il-Kunsillier JH tkellem għan-nom ta' residenta li kellha bżonn l-għajnuna għall-parkeġġ minħabba li għandha tifel bi bżonnijiet speċjali. Huwa kompla billi qal li kien qed jipproponi li jkellem lil xi ħadd mil-Floriana FC sabiex jara jekk jistax isir xi arranġament speċjali. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 4.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL KUNSILLIERA

4.4.1. Il-Kunsillier JH informa li kellu proposta mingħand is-Sindku ta' Pompei biex isir xi tip ta' ftehim ta' ħbiberija bejn il-Floriana u l-belt ta' Pompei.

4.4.1.1. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għalissa għandu jżomm in-numru ta' ġemellaġġi limitati u dan anke minħabba r-restrizzjonijiet finanzjarji li għandu l-Kunsill.

**Nota: 15:08 Il-Kunsilliera SSH talbet li tkun skużata.**

4.4.1.2. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier JH għandu jitkellem miegħu sabiex jara x'qed jissuġġerixxi.

**Nota: 15:09 Il-Kunsilliera SSH reġgħet attendiet għal-laqgħa.**

4.4.2. Il-Kunsillier JP staqsiet dwar il-bin fi Triq San Tumas. Is-Sindku nforma li l-bin għandu jitpoġġa iktar lejn in-nofs.

4.4.3. Il-Kunsillier JP staqsiet rigward il-kontenituri tal-ħwejjeġ li hemm faċċata tad-Dar tal-Kunsill. Is-Sindku qal li qed jipproponi li dawn il-kontenituri jitneħħew. Il-Kunsill qabel.

4.4.4. Il-Kunsillier JP għamlet riferenza għall-ħofra li hemm fi Pjazza Emanuel S Tonna u qalet li ser titkellem ma' xi ħadd fil-jiem li ġejjin biex din tiġi rranġata.

4.4.5. Il-Viċi Sindku JAE għamel riferenza għas-sitwazzjoni tal-iskart fi Triq l-Argotti u l-iskart li qed jinħareġ quddiem il-garaxxijiet.

4.4.5.1. Il-Kunsill iddiskuta dwar il-problema tan-nuqqas ta' infurzar.

4.4.5.2. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jagħmel kuntatt mal-Awtorità tad-Djar sabiex isir sforz min-naħa tagħhom ukoll.

4.4.6. Il-Viċi Sindku JAE għamel riferenza għas-sitwazzjoni tal-parker u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp.

4.4.6.1. Is-Sindku informa li kien irċieva ammont kbir ta' ritratti ta' ksur ta' regolamenti min-naħa ta' din il-persuna.

4.4.6.2. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jkellem lil Transport Malta sabiex dan il-parker jitneħħa minnufih mil-lokalità.

4.4.7. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk kienux tnaddfu l-culverts fil-lokalità. Is-SE qal li hu kien bagħat lill-kuntrattur il-ġimgħa ta' qabel iżda sa dakinhar ix-xogħol kien għadu ma sarx.

4.4.8. Il-Viċi Sindku JAE staqsa dwar il-WiFi tal-ġonna. Is-SE qal li kien bagħat diversi korrispondenzi imma sfortunatament ħadd ma ried jerfa' responsabbiltà għal dan is-servizz.

4.4.9. Il-Kunsilliera SSH qalet li ma kienitx informata li kienet ser tinħareġ sejħa għas-sottokumitati u qalet li kellha ssir taf mil-ħwienet.

4.4.9.1. Is-Sindku wieġeb li kienet twaħħlet notifika fid-Dar tal-Kunsill u li tpoġġiet ukoll fuq Facebook.

4.4.9.2. Il-Kunsilliera SSH qalet li kellu jkun hemm komunikazzjoni fuq Whatsapp sabiex il-kunsillieri jkunu tal-ewwel li jkunu informati.

## 4.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sotto kumitati

4.5.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi qal li tajjeb li jiġi ċċarat li d-data li hemm fuq iċ-ċirkolari kienet biss waħda indikattiva u għalhekk min hu interessat seta' japplika xortawaħda anke wara d-data indikata.

4.5.2. Is-Sindku qal li kien hemm interess kbir għas-Sottokumitat tar-Relazzjonijiet Lokali u Internazzjonali kif ukoll interess fis-Sottokumitat ta' St Patrick's Day. Huwa qal li kienet inżammet ukoll l-ewwel laqgħa tas-Sottokumitat tal-Indafa Pubblika.

4.5.3. Huwa kompla billi fakkar li l-kunsillieri kollha huma membri ex officio ta' kull sottokumitat u għalhekk ħeġġeġ lill-kunsillieri biex meta jkunu disponibbli, jattendu għal-laqgħat ta' dawn is-sottokumitati.

**Nota: 15:28 Is-Sindku NH talab li jkun skużat.**
**Il-Viċi Sindku JAE ippreseda l-laqgħa.**

## 4.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni Skeda ta' Pagamenti

4.6.1. Il-Viċi Sindku JAE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 03/09 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

4.6.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera SSH u issekondata mill-Kunsillier JH, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 4.7 Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv u sejħa għal impjegati ġodda

4.7.1. Is-SE fetaħ il-materja billi qal li peress li se jkun hemm ġranet li mhux ser ikun preżenti ser ikun hemm bżonn li jinħatar Deputat Segretarju Eżekuttiv għall-perjodu li fih ikun assenti.

4.7.2. Il-Kunsill qabel li għandu jinforma lid-Dipartiment b'dan u li jaħtar lis-Sa Emmanie Borg Bonaci fil-kariga ta' Deputat SE matul dan il-perjodu.

4.7.3. Is-SE kompla billi qal li minħabba ċ-ċirkostanzi ser ikun hemm bżonn li tinħareġ sejħa għal impjegati ġodda.

**Nota: 15:33 Is-Sindku NH reġa' rritorna għal-laqgħa.**

4.7.4. Il-Kunsill qabel li għandu joħroġ sejħa għal żewġ part timers fi Skala 18.

## 4.8 MOU Pjazza San Publju (Fosos)

4.8.1. Is-Sindku NH fetaħ il-materja billi tkellem dwar l-MoU li ġie ffirmat fil-leġiżlatura preċedenti. Huwa qal li skont dan l-MoU il-Kunsill ma kienx mitlub jagħti no objection u li din kellha tintalab biss mill-Awtorità tal-Artijiet. Huwa qal li l-Kunsill għandu jinsisti li jibqa' jkollu d-dritt li tintalab no objection mingħandu.

4.8.2. Is-Sindku kompla billi ippropona wkoll emenda oħra fejn il-kundizzjonijiet jinħarġu mill-Awtorita tal-Artijiet u l-RPD iżda bi ftehim u kif maqbul mal-Kunsill.

4.8.3. Il-Viċi Sindku JAE qal li dan il-ftehim jiffoka ħafna fuq l-attivitajiet li jsiru fuq il-Fosos iżda ma jsemmi xejn fuq il-kumplament tal-ġranet fejn ma jkunx hemm attivitajiet u fuq il-ħarsien tal-Fosos in ġenerali. Huwa ta l-eżempju tal-attivitajiet tal-Karnival fejn il-maġġoranza tal-attivitajiet f'dan il-perjodu ma jsirux fuq il-Fosos iżda xortawaħda jkun hemm abbuż.

4.8.4. Il-Viċi Sindku JAE qal li fl-MOU għandhom jissemmew ukoll il-fanali ornamentali u li ssir enfasi fuq il-livell arkitettoniku tal-Fosos.

4.8.5. Il-Viċi Sindku JAE qal li ma jissemma xejn lanqas fuq poloz t'assigurazzjoni, eċċ. kif ukoll fuq l-aspett ta' valur storiku tal-Fosos.

4.8.6. Il-Viċi Sindku JAE qal li kien hemm ħafna ambigwità f'dan l-MOU u dan irendih fraġġli.

4.8.7. Il-Kunsillier JH staqsa kemm jitħallas il-Kunsill ta' kull kirja fuq il-Fosos. Is-SE wieġeb li l-Kunsill jieħu biss il-permess tal-attività.

4.8.8. Wara li ddiskuta l-punti imsemmijin hawn fuq, il-Kunsilliera SSH issuġġeriet li tintalab laqgħa mal-Ministru sabiex ikunu jistgħu jiġu diskussi dawn il-punti. Il-Kunsill qabel li għandu jipprepara punti dettaljati u jieħu ħsieb jitlob laqgħa.

## 4.9 Bring in sites ERA

4.9.1. Is-Sindku NH fetaħ il-materja billi qal li bil-liġi il-Kunsill obbligat jindika żona fejn jitpoġġew il-bring in sites. Huwa qal li kien qed jipproponi li dawn jitpoġġew 'il bogħod miż-żona residenzjali.

4.9.2. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel li għandu jipproponi li l-bring in site issir iktar l' isfel mil-monument ta' Dante, possibbilment iktar l' isfel lejn il-MEPA.

4.9.3. Il-Viċi Sindku JAE ippropona li jiżdied id-dawl fiż-żona sabiex jitnaqqas il-lok għall-abbuż. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 4.10 PROĠETT TRIQ SANT’ ANNA U PAVIMENTAR TAĦT IL-LOĠOĠ

4.10.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi ppropona li l-Kunsill jitlob laqgħa mal-Ministru responsabbli minn dan il-proġett.

4.10.2. Qamet diskussjoni fejn il-Kunsilliera SSH argumentat li l-Kunsill kien favur dan il-proġett filwaqt li l-Viċi Sindku insista li l-Kunsill kien qabel fil-prinċipju iżda mhux mal-proġett speċifiku għax il-Kunsill qatt ma kien ġie ikkonsultat.

4.10.3. Is-Sindku NH qal li kien tkellem mal-Perit li kienet informatu li kienet ser iżżomm lill-Kunsill aġġornat bl-eżitu tal-istudji u assessjar li qed isiru.

4.10.4. Is-Sindku qal li mil-feedback li kellu, il-maġġoranza tar-residenti ma kienux favur li Triq Sant’Anna ssir pedonali.

4.10.4.1. Il-Kunsilliera SSH qalet li mil-feedback li kellha hi, hemm residenti li jixtiequ li Triq Sant’Anna ssir pedonali minħabba d-dħaħen li jiġu ffrankati f’każ li dan isir. Hija żiedet tgħid li qed jiġu kkunsidrati alternattivi oħra bħal per eżempju tinfetaħ karreġjata waħda minflok.

4.10.5. Il-Kunsill esprima x-xewqa li jkun involut f’kull stadju ta’ dan il-proġett u għalhekk qabel li għandu jiltaqa’ mal-Ministru kkonċernat.

4.10.6. Is-Sindku qal ukoll li hemm affarijiet fi Triq Sant’Anna li għandhom jiġu trattati mal-awtoritajiet bħalma huma l-pavimentar ta’ taħt il-loġoġ. Huwa ippropona li l-Kunsill jitkellem mal-Ministru u mal-awtoritajiet ikkonċernati dwar dawn il-punti. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 4.11 ISMIJIET TAT-TOROQ

4.11.1. Is-Sindku NH fetaħ id-diskussjoni dwar l-ismijiet tat-toroq.

4.11.2. Il-Kunsillier SSH ressqet mozzjoni, issekondata mill-Kunsillier JH biex Trejqet il-Fosos jew Trejqet l-Imħażen tissemma għal Joe Brincat. Ittieħed vot favur din il-mozzjoni bir-riżultat kien:

Favur: 2 (SSH, JH)
Kontra: 3 (NH, JAE, JP)

4.11.3. Il-mozzjoni m’għaddietx u ma kienx hemm iktar proposti.

## 4.12 BANKINI TRIQ SARRIA

4.12.1. Is-Sindku NH fetaħ il-materja billi qal li l-għeruq tas-siġar ta’ Triq Sarria kienu għamlu ħerba fil-bankini ta’ Triq Sarria. Huwa ippropona li tinqala’ l-parti tal-bankina ta’ quddiem l-Arċipriet sal-ewwel konka. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju u qabel li għandha tintalab kwotazzjoni.

4.12.2. Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm risposta rigward il-€75,000 fondi li hemm allokati għall-Kunsill. Is-SE qal li kien għadu qed jistenna risposta mingħand l-Avukat.

## 4.13 PERMESSI TA’ GARAXXIJIET FIL-FLORIANA

4.13.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li snin ilu il-Kunsill ta’ dak iż-żmien kien introduċa regoli li min irid japplika għall-permess ta’ garaxx kellu japplika l-Kunsill u jġib prova li l-post qed jintuża bħala garaxx. Minkejja dan, hu innota li hemm postijiet li jidhru li mhumiex garaxxijiet u li xortawaħda għandhom il-linji sofor kif ukoll garaxxijiet li m’għandhomx il-permess tal-Kunsill imwaħħal mal-bieb.

4.13.2. Għalhekk huwa ippropona li jerġa’ jsir eżerċizzju dwar dan u li s-sidien tal-garaxxijiet jerġgħu jibdew jintalbu jaderixxu ma’ dawn il-kundizzjonijiet.

4.13.3. Is-Sindku NH informa wkoll li l-għada kellu laqgħa mal-Awtorità tad-Djar.

4.13.4. Is-Sindku qal li kien talab lill-amministrazzjoni sabiex tipprovdi lista ta’ spazji ta’ parkeġġ riservati fil-lokalità u liema entità kienet approvathom.

4.13.5. Is-Sindku esiġa fuq l-importanza ta’ dawn l-eżerċizzji u għamel riferenza wkoll għat-telf mid-dħul taċ-ċitazzjonijiet. Huwa semma eżerċizzju li kien għamel riċentement dwar armar ta’ scaffolding mingħajr permessi.

4.13.6. Il-Kunsillier JH staqsa jekk meta jinħareġ il-permess l-applikanti jintalbux jipprovdu garanziji jew assigurazzjoni. Is-SE qal li l-Kunsill joħroġ biss il-permess u assigurazzjonijiet isiru privatament mil-kuntrattur.

## 4.14 TIDJIQ TAT-TOROQ JOHN LOPEZ U MAURO CARUANA U PARKEĠĠ ADDIZZJONALI

4.14.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li l-bankini fi Triq John Lopez u fi Triq l-Isqof Mauro Caruana jistgħu jidjiequ sabiex il-karozzi jkunu jistgħu jipparkjaw b mod aħjar u iktar organizzat.

4.14.2. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju u qabel li tintalab kwotazzjoni.

## 4.15 TNIĠĠIS MILL-CRUISELINERS FIL-PORT IL-KBIR

4.15.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi għamel riferenza għal-laqgħa li nżammet dwar it-tniġġis mil-cruiseliners. Huwa qal li ġiet introdotta ix-Ship to Shore iżda sfortunatament ħafna mil-cruiseliners li jiġu Malta ma kienux attrezzati b'dan.

4.15.2. Is-Sindku qal li għandha tintalab mal-Ministru Chris Bonnet dwar it-tniġġis mill-cruiseliners li huwa kkunsidrat wieħed mill-aktar tniġġis perikolużi li hawn fl-ambjent.

4.15.3. Is-Sindku qal li jinsab informat li min għandu l-faċilità li jaqbad Ship to Shore sfortunatament mhuwiex obbligat jużaha għaliex mhuwiex mandatorju li jagħmel dan sal-2030.

4.15.4. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob laqgħa mal-Ministru dwar din il-materja u affarijiet oħra relatati.

## 4.16 FRAMEWORK AGREEMENT MAD-DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI

4.16.1. Din il-materja ġiet diskussa f'materja numru 4.12.

## 4.17 SKEMA TA' PARKEĠĠ RESIDENZJALI

4.17.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi għamel riferenza għall-iskema ta' parkeġġ residenjzali u qal li kien qed jipproponi li tintalab laqgħa sabiex din tiġi emendata.

4.17.2. Wara li ddiskuta il-Kunsill qabel li għalissa ma jsir xejn sabiex jevalwa s-sitwazzjoni.

## 4.18 ŻJARA F'MACERATA – RAPPORT MIS-SINDKU

4.18.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi ta rendikont taż-żjara riċenti li d-delegazzjoni tal-Kunsill kellha f'Macerata. Huwa qal li kien ġie organizzat seminar dwar Pietro Paola Floriani li kien interessanti immens.

4.18.2. Huwa kompla billi qal li l-Kunsill kien ġie mogħti ċ-ċavetta tal-Belt ta' Macerata f'ġest simboliku li jsaħħaħ dan il-ġemellaġġ bejn iż-żewġ postijiet.

4.18.3. Is-Sindku kompla billi qal li bis-saħħa ta' din iż-żjara kien reġa' tqajjem il-kuntatt bejn il-banda tal-Floriana u l-banda ta' Macerata.

4.18.3.1. Il-Kunsilliera SSH qalet li hi ma kellha xejn kontra s-segretarju tal-Banda Vilhena iżda temmen li seta' nżamm kuntatt min-naħa tal-banda anke permezz ta' email.

4.18.3.2. Il-Kunsilliera SSH qalet li l-proposta tagħha kienet li tinħareġ sejħa fost l-għaqdiet lokali iżda din il-proposta ma kinitx ġiet milqugħa. Is-Sindku qal li kien hemm tliet risposti favur il-proposta tiegħu li s-Segretarju tal-Banda Vilhena jkun parti mid-delegazzjoni u kien għalhekk li kien mexxa bid-deċiżjoni.

## 4.19 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

4.19.1. Il-laqgħa intemmet fil-16:55 u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 9 t'Ottubru 2024 fil-5.15pm.

**Konfermati, illum it-Tnejn 9 ta' Ottubru 2024**

(iffirmat)
Nigel Holland
Sindku

(iffirmat)
Malcolm Agius Muscat
Segretarju Eżekuttiv